

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tal-24 ta' Ġunju 2014****dwar it-tqegħid fis-suq għall-użu essenzjali ta' prodotti bijoċidali li jkun fihom ir-ram***(notifikata bid-dokument C(2014) 4062)***(It-testi bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bl-Ingliż, bil-Latvjan, bil-Malti bl-Olandiż, bil-Pollakk, bit-Taljan u bl-iSvedizz b'lingwa awtentika)**

(2014/395/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007 tal-4 ta' Diċembru 2007 dwar it-tieni fażi tal-programm ta' ħidma ta' 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1896/2000 tas-7 ta' Settembru 2000 fuq l-ewwel fażi tal-programm rigward prodotti bijoċidali msemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ⁽²⁾ ir-ram għie notifikat għall-użu, fost oħrajn, fit-prodotti tat-tip 2, 5 u 11, kif definit fl-Anness V tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali ⁽³⁾.
- (2) Ma tressaq l-ebda dossier komplut fl-iskadenzi stipulati bħala appoġġ għall-inklużjoni tar-ram fl-Anness I, IA jew IB tad-Direttiva 98/8/KE. Skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/78/UE tad-9 ta' Frar 2012 dwar in-nuqqas ta' inklużjoni ta' ċerti sustanzi fl-Anness I, IA jew IB għad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali ⁽⁴⁾ flimkien mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007, ir-ram m'għandux jibqa' jittqiegħed fis-suq għall-użu fil-prodott tat-tip 2, 5 jew 11, mill-1 ta' Frar 2013.
- (3) Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007, l-Irlanda, l-Estonja, l-Italja, il-Polonja, Franza, il-Belġju, ir-Renju Unit, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Finlandja, il-Lussemburgu, l-Isvezja, id-Danimarka u Malta ressqu applikazzjonijiet separati lill-Kummissjoni għal awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali li fihom ir-ram għal numru ta' użi.
- (4) Il-Kummissjoni poġġiet dawn il-listi għad-dispożizzjoni tal-pubbliku b'mezzi elettroniċi.
- (5) Mill-applikazzjonijiet jirriżulta li t-tixrid tal-Leġjonella għie assoċjat, b'mod partikolari, mal-użu ta' ilma bħall-ilma tax-xorb, l-ilma għall-banju, l-ilma tad-doċċa, u l-ilma f'torrijiet għat-tkessiħ. Barra minn hekk, jirriżulta li l-Leġjonella tista' tkun fatali, speċjalment fi gruppi vulnerabbli bħall-pazjenti tal-isptarjiet. Skont l-applikazzjonijiet, għażla ta' sistema xierqa għal kontroll tal-Leġjonella hija kumplessa u tiddependi minn għadd ta' parametri bħat-fassil tas-sistema, l-età, il-kumplessità u l-kimika tal-ilma.

⁽¹⁾ ĠUL 325, 11.12.2007, p. 3.⁽²⁾ ĠUL 228, 8.9.2000, p. 6.⁽³⁾ ĠUL 123, 24.4.1998, p. 1.⁽⁴⁾ ĠUL 38, 11.2.2012, p. 48.

- (6) Minn xi applikazzjonijiet jirriżulta wkoll li prodotti bijoċidali li fihom ir-ram huma użati biex jipprevjenu t-*tkabbir ta' organiżmi fil-ilma użat fil-pixxini*, li jistgħu jwasslu għal varjetà wiesgħa ta' infezzjonijiet.
- (7) Jminn xi applikazzjonijiet jirriżulta wkoll li l-prodotti bijoċidali li jkun fihom ir-ram jintużaw biex jipprevjenu t-*tkabbir ta' organiżmi fil-pajp ewlieni għad-dħul tal-ilma għall-pjattaformi taż-żejt u tal-gass fuq il-baħar kif ukoll installazzjonijiet oħra marittimi u kostali*, fejn dak l-użu huwa essenzjali biex jiġi evitat l-*imblukkar tal-pajp tad-dħul ta' ilma użat, fost l-oħrajn, għall-ipproċessar, il-produzzjoni tal-ilma tax-xorb u tal-banju u t-tifi tan-nar*, peress li l-*imblukkar tal-pajp jista' jkun fatali għas-saħħa u s-sigurtà tal-persunal fl-installazzjoni*.
- (8) Fl-*aħħar nett*, minn xi applikazzjonijiet jirriżulta, li prodotti bijoċidali li fihom ir-ram huma użati biex jipprevjenu t-*tkabbir ta' organiżmi fil-bastimenti ewlenin għad-dħul tal-ilma*, fejn dak l-użu huwa essenzjali biex jiġi evitat l-*imblukkar tad-dħul tal-ilma użat fis-sistema kollha tal-pajpijiet u tal-kanali tal-ilma ta' bastiment*. Dan jinkludi l-*intern tal-pajpijiet kollha, bħas-sistema ta' trażżin tan-nar*, li hija vitali għat-tħaddim bla perikolu tal-bastiment.
- (9) Matul il-konsultazzjoni pubblika ma wasal l-ebda kumment dwar dawn l-applikazzjonijiet. L-Istati Membri li ppreżentaw l-applikazzjonijiet argumentaw li fit-territorji tagħhom jinħtieġ li jkun hemm firxa adegwata ta' alternattivi tekniċi u ekonomiċi vijabbli disponibbli għall-kontroll tal-*Legionella* jew organiżmi oħra li jagħmlu ħsara u, fejn rilevanti, sabiex jitnaqqas ir-riskju tal-*imblukkar tal-pajp ewlieni tad-dħul tal-ilma għall-installazzjonijiet fuq il-baħar*, l-*installazzjonijiet marittimi u kostali* jew fuq il-bastimenti.
- (10) Għalhekk huwa probabbli li jekk ma tingħatax awtorizzazzjoni għal użu għall-kontroll tal-*Legionella* jew organiżmi oħra li jagħmlu ħsara jew, fejn rilevanti, għal prevenzjoni tat-*tkabbir ta' organiżmi fil-pajp ewlieni tad-dħul tal-ilma għall-pjattaformi taż-żejt u tal-gass fuq il-baħar*, għall-*installazzjonijiet oħra marittimi u kostali* jew fuq il-bastimenti, se jinħoloq riskju serju għas-saħħa pubblika f'dawk l-Istati Membri. Barra minn hekk, jekk jinfew jew jiġu sostitwiti s-sistemi attwali bbażati fuq ir-ram fuq il-bastimenti, l-*ispejjeż u l-fattibilità loġistika u Prattika f'ħaqqa* każijiet jistgħu jkunu projbittivi. Fil-każ li s-sostituzzjoni tkun fattibbli, din tista' tieħu żmien twil. Għalhekk bħalissa huma meħtieġa d-*derogi mitluba għall-użu essenzjali*.
- (11) Madankollu, sakemm applikazzjoni kompluta għall-*approvazzjoni tar-ram għall-użu fil-prodott tat-tip rilevanti* ma titressaq mingħajr dewmien żejjed, l-*utenti tal-prodotti bijoċidali li jkun fihom ir-ram għandhom jimplementaw metodi alternattivi ta' kontroll tal-*Legionella* jew ta' prevenzjoni tat-*tkabbir tal-oragniżmi**. Għalhekk f'dan il-każ, jixraq li jkun meħtieġ li, l-*utenti f'dawk l-Istati Membri jkunu infurmati b'mod attiv fi żmien xieraq* biex ikunu jistgħu jiżguraw li daww il-metodi alternattivi jkunu effettivi qabel ma l-*prodotti bijoċidali li jkun fihom ir-ram ikollhom jiġu rtrati mis-suq*,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Soġġetti għall-kondizzjonijiet previsti bl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007, l-Irlanda, l-Estonja, l-Italja, il-Polonja, Franza, il-Belġju, ir-Renju Unit, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Finlandja, il-Lussemburgu, l-Isvezja, id-Danimarka u Malta jistgħu jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali li fihom ir-ram (KE Nru 231-159-6; Nru. CAS 7440-50-8) għall-użi indikati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

2. Jekk jitressqu dossiers kompluti għall-*approvazzjoni tar-ram għall-prodotti tat-tip rilevanti* għal dawn l-użi u jiġu vvalidati bħala kompluti sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014 mill-Istat Membru li jevalwa, l-Irlanda, l-Estonja, l-Italja, il-Polonja, Franza, il-Belġju, ir-Renju Unit, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Finlandja, il-Lussemburgu, l-Isvezja, id-Danimarka u Malta jistgħu jkomplu jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq sal-iskadenzi stipulati fl-Artikolu 89 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 ⁽¹⁾ għall-każijiet fejn is-sustanza tiġi jew ma tiġix approvata.

3. F'każijiet oħra għajr daww i-provduti fil-paragrafu 2, l-Irlanda, l-Estonja, l-Italja, il-Polonja, Franza, il-Belġju, ir-Renju Unit, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Finlandja, il-Lussemburgu, l-Isvezja, id-Danimarka u Malta jistgħu jkomplu jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq sal-31 ta' Diċembru 2017, sakemm daww l-Istati Membri jiżguraw, mill-1 ta' Jannar 2015, li l-*utenti jkunu attivament infurmati* dwar il-*ħtieġa immedjata* li jiġu implimentati metodi alternattivi għall-*għanijiet rilevanti*.

(¹) ĠUL 167, 27.6.2012, p. 1.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Irlanda, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Renju tal-Belġju, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Finlandja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju tal-Isvezja, ir-Renju tad-Danimarka u r-Repubblika ta' Malta.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ġunju 2014.

Għall-Kummissjoni
Janez POTOČNIK
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

L-UŻI LI L-ISTATI MEMBRI ELENKATI HAWN TAĦT JISTGĦU JAWTORIZZAW, SOĠĠETTI GĦALL-KONFORMITÀ MAL-KUNDIZZJONIJET TAL-ARTIKOLU 1

Nru	Stat Membru	A Prodott tat-tip 2	B Prodott tat-tip 5	C Prodott tat-tip 11
1	L-Irlanda	Għall-kontroll tal-Leġjonella filma għall-użu mill-bniedem, bħall-ilma tal-banju u tad-doċċa.	Għall-kontroll tal-Leġjonella fl-ilma tax-xorb.	—
2	L-Estonja	—	—	Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi tal-pajpijiet/tal-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' bastiment.
3	L-Italja	Għall-kontroll tal-Leġjonella filma għall-użu mill-bniedem, bħall-ilma tal-banju u tad-doċċa.	Għall-kontroll tal-Leġjonella fl-ilma tax-xorb.	Għall-kontroll tal-Leġjonella fl-ilma fit-torrijiet tat-tkessiħ. Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi tal-pajpijiet/tal-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' pjattaformi taż-żejt u tal-gass fuq il-baħar u istallazzjonijiet oħra fuq il-baħar u kostali. Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi tal-pajpijiet/tal-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' bastiment.
4	Il-Polonja	—	—	Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi tal-pajpijiet/tal-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' bastiment.
5	Franza	Għall-kontroll tal-Leġjonella u organiżmi oħra li jagħmlu ħsara fl-ilma għal pixxini privati.	—	Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi tal-pajpijiet/tal-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' bastiment.
6	Il-Belġju	Għall-kontroll tal-Leġjonella filma għall-użu mill-bniedem, bħall-ilma tal-banju u tad-doċċa.	Għall-kontroll tal-Leġjonella fl-ilma tax-xorb.	Għall-kontroll tal-Leġjonella fl-ilma fit-torrijiet tat-tkessiħ. Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi tal-pajpijiet/tal-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' pjattaformi taż-żejt u tal-gass fuq il-baħar u istallazzjonijiet oħra fuq il-baħar u kostali. Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi tal-pajpijiet/tal-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' bastiment.
7	Ir-Renju Unit	Għall-kontroll tal-Leġjonella u organiżmi oħra li jagħmlu ħsara fl-ilma għal pixxini u pixxini tal-animali.	—	Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi fil-pajpijiet/fil-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' pjattaformi taż-żejt u tal-gass fuq il-baħar, u istallazzjonijiet oħra fuq il-baħar u kostali Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi tal-pajpijiet/tal-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' bastiment.

Nru	Stat Membru	A	B	C
		Prodott tat-tip 2	Prodott tat-tip 5	Prodott tat-tip 11
8	Il-Ġermanja	—	—	Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi tal-pajpijiet/tal-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' pjattaformi taż-żejt u tal-gass fuq il-baħar u istallazzjonijiet oħra fuq il-baħar u kostali. Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi tal-pajpijiet/tal-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' bastiment.
9	Il-Latvja	—	—	Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi tal-pajpijiet/tal-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' bastiment.
10	Il-Finlandja	—	—	Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi tal-pajpijiet/tal-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' bastiment.
11	Il-Lussemburgu	—	—	Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi tal-pajpijiet/tal-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' bastiment.
12	L-Isvezja	—	—	Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi tal-pajpijiet/tal-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' bastiment.
13	Id-Danimarka	—	—	Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi tal-pajpijiet/tal-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' pjattaformi taż-żejt u tal-gass fuq il-baħar u istallazzjonijiet oħra fuq il-baħar u kostali. Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi fil-pajpijiet/fil-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' bastiment.
14	Malta	Għall-kontroll tal-Leġjonella filma għall-użu mill-bniedem, bħall-ilma tal-banju u tad-doċċa.	—	Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi tal-pajpijiet/tal-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' pjattaformi taż-żejt u tal-gass fuq il-baħar u istallazzjonijiet oħra fuq il-baħar u kostali. Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi tal-pajpijiet/tal-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' bastiment.